



Brussell, 22 ta' Settembru 2017
(OR. fr)

12327/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0221 (COD)

CODEC 1420
EF 197
ECOFIN 729

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar Fondi ta' Kapital ta' Riskju Ewropew u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar Fondi ta' Intraprenditorija soċjali Ewropej (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fl-14 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Settembru 2016². Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Diċembru 2016³.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-14 ta' Settembru 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ dok. 11303/16.

² ĠU C 394, 26.10.2016, p. 2.

³ ĠU C 75, 10.3.2017, p. 48.

⁴ dok. 12069/17.

4. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 37/17.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
